MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' April, 2012

Talba Numru. 967/2011

**Go Plc**
**C 22334**

**Vs**

**Rose Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil11 ta’ Novembru 2011 fejn is-socjeta’ attrici talbet illi konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disgha mija u wiehed u tmenin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€981.57) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C40031770* moghtija mis-socjeta attrrici skont id-dokumenti prezentati.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bil-ispejjez tal-kawza kif ukoll bl-imghax legali.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal- konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenuta giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tat-3 ta' April 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta fit-3 ta' April 2012 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha mija u wiehed u tmenin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€981.57).

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu jithallsu billi kull parti thallas taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------